

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll il-ksur tad-drittijiet fundamentali għall-proprjetà u l-libertà ta' imħabba tar-rikorrent (Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali).
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju fundamentali ta' nondiskriminazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU 2002, L 87 I, p. 44.

<sup>(2)</sup> ĠU 2022, L 87 I, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 105, p. 66.

### Rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2022 – A2B Connect et vs Il-Kunsill

(Kawża T-307/22)

(2022/C 276/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

**Rikorrenti:** A2B Connect BV (Purmerend, il-Pajjiżi l-Baxxi), BIT BV (Ede, il-Pajjiżi l-Baxxi), Freedom Internet BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: L. Oranje, avukat)

**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- Tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/350 tal-1 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna <sup>(1)</sup> u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/351 tal-1 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna <sup>(2)</sup> abbażi tal-Artikolu 263 TFUE; u
- Tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Artikolu 29 TUE u l-Artikolu 215 TFUE ma jikkostitwixxux bażi legali għad-deċiżjoni kkontestata u għar-regolament ikkontestat, rispettivament, u/jew li l-konvenut aġixxa lil hinn mill-kompetenza tiegħu kif stabbilita fit-Trattati, b'mod partikolari fit-Titolu V tat-TUE.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li r-regolament ikkontestat u d-deċiżjoni kkontestata jiksru l-Artikolu 11 u l-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li r-regolament ikkontestat u d-deċiżjoni kkontestata jiksru l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jikkostitwixxu ksur tad-dispożizzjonijiet legali relatati mal-applikazzjoni tat-Trattati, b'mod partikolari, tal-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba.

<sup>(1)</sup> ĠU 2022, L 65, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU 2022, L 65, p. 5.

### Rikors ippreżentat fl-25 ta' Mejju 2022 – PC vs Il-Kunsill

(Kawża T-309/22)

(2022/C 276/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

**Rikorrent:** PC (rappreżentanti: G. Lansky, P. Goeth u A. Egger, avukati)

**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/429 tal-15 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna <sup>(1)</sup>, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/427 tal-15 ta' Marzu 2022 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna <sup>(2)</sup> (iktar 'il quddiem l-“atti kkontestati”), sa fejn dawn jinkludu lir-rikorrent fil-lista ta' persuni u entitajiet suġġetti għall-miżuri restrittivi; u
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq li l-Kunsill wettaq żball ta' evalwazzjoni billi inkluda l-isem tar-rikorrent fl-annessi tal-atti kkontestati. Ir-rikorrent isostni li:

- ir-raġunijiet invokati mill-Kunsill għall-inklużjoni tar-rikorrent fil-lista huma materjalment żbaljati;
- il-Kunsill naqas li jispjega r-raġunijiet individwali, speċifiċi u konkreti li jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi fuq ir-rikorrent, peress li r-raġunijiet invokati ma kinux suffiċjentement iddettaljati, kuntrarjament għall-obbligi tal-Kunsill;
- il-provi prodotti insostenn tal-inklużjoni tar-rikorrent fil-lista permezz tal-atti kkontestati huma insuffiċjenti.

<sup>(1)</sup> ĠU 2022, L 87 I, p. 44.

<sup>(2)</sup> ĠU 2022, L 87 I, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 105, p. 66.

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2022 – AMO Development vs EUIPO (Medical instruments)**

**(Kawża T-311/22)**

(2022/C 276/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: AMO Development LLC (Santa Ana, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: J. Day, Solicitor, u T. de Haan, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Disinn kontenzjuż ikkonċernat: Disinni komunitarji Nru 2 712 885-0001 u Nru 2 712 885-0002

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Marzu 2022 fil-Każ R 1433/2021-3

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti quddiem it-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002
-